MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru 554/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Marisa Camilleri**
**V**

**JAMES DEMANUELE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JAMES DEMANUELE** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Felix u Rose nee Camilleri, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' April, 1974 u li joqghod "Dar Redentur", Triq Gorg Caruana, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` numru 235374M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Wied il-ghajn, nhar il-hdax ta'Awissu, 1999 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar, permezz ta' strument bil-ponta, li jniggez u li jaqta, kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Helena Felice, liema offizi gew maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem skond kif iccertfikat minn diversi tobba tal-isptar San Luqa;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna u cioe Helena Felice, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta, li jniggez u bil-ponta;

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, zamm u garr strument li jaqta bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Josephine Felice skond kif iccertifika t-tabib M. Grech mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, verbalment hedded lil Helena Felice kif wkoll lil Josephine Felice.

Talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi bid-dati tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju, 1994 minn Awla numru 8, sebgha ta' Novembru, 1997 minn Awla numru 13, tlieta w ghoxirn ta' Marzu, 1998 minn Awla numru 13, disgha ta' April, 1999 mill-Qorti tal-Appell u erbgha w ghoxrin ta' Gunju, 1999 mill-Qorti tal-Appell.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes involuti fin-nomina ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-avukat Generali nhar is-sittax ta' Marzu, 2000 esebiti a fol 141 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-hamsa ta'Gunju, 2000 a fol 143 tal-atti.

Semghet ix-xhieda prodotta mil-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-bidu tax-xahar ta' Lulju tas-sena 2003 meta kienet diga waslet fl-istadju tal-provi tad-Difiza u apparti li xehed l-imputat quddiemha, saret biss trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni allegat li nhar il-hdax ta' Awissu, 1999 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar giet infurmata li kien ghadu kemm sehh stabbing fi Pjazzja Dun Tarcis f'M'Scala u li l-imputat, li sa dak il-hin allegatament kienet il-persuna li wetttqet ir-reat, kien ta ruhu b'idejh lil Pulizija. Ftit tal-hin wara l-imputat gie mitkellem mill-Ufficjal Investigattiv u kien stqarr li kellu argument fuq it-telefon ma omm t-tifla tieghu certa Helena Felice li sa dak iz-zmien ma kienitx ghada l-gharusa tieghu u qaltlu li binthom effettivament ma kienet tieghu xejn. Huwa ghalhekk telaq minn fejn kien u qabad tal-linja u mar sabiex jkellimha Wied il-Ghajn. Meta wasla hemm, Helena Felice irrepetiet l-istess diskors u dak il-hin qabad sikkina u taha diversi daqqiet quddiem ommha u bintha u meta ra hekk bezgha u staqsa ragel li kien fil-vicinanzi biex jwasslu l-Ghassa.

**Josephine Felice li tigi omm Helena Felice, xehdet** nhar l-ghoxrin ta' Awissu, 1999 fejn spjiegat kif dakinhar tal-hdax ta' Awissu, 1999, ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar, bintha sfat aggredita mill-imputat waqt li kienet maghha u ma bintha Daniela. Fid-daqqa w l-hin rat lil imputat niezel mil-karozza tal-linja u jigi jigri lejhom, johrog sikkina li kienet imrembla f'maktur u qalilha "Ma tridx turini t-tifla?" u hi qaltlu "Le" u f'dak il-hin beda jaghtiha daqqiet bis- sikkina. Hija spjiegat li l-incident kien beda minn filghodu fis-sens li l-imputat ried jara lit-tifla taghhom u heddidha li jekk ma thallihx jarha, kien ser joqtolha jekk jarha ma haddiehor. Huma ghamlu rapport l-Ghassa dwar dawn it-telefonati. Huwa beda jheddidha u jghidilha li Kordin kien u ma jibzghax jerga jmur. Hija spjiegat li l-imputat feriha wkoll tant li marret il-Poliklinika w inghata certifikat mediku li jinsab esebit fl-atti bhala dokument DS 2 li jiddeskrivi l-feriti bhala dawk ta' natura hafifa.

Mistoqsija jekk quddiemha bintha Helena qalitx xi kliem lil imputat fis-sens li bintha ma kienetx tieghu din ix-xhud wiegbet fin-negattiv u dan b'mod kategoriku.

**Peter Paul Delia xehed** fl-istess gurnata tal-ghoxrin ta' Awissu, 1999 u cioe` ftit wara l-incident, fejn spiega w irrakkonta dak li ra dakinhar. Huwa xehed li ra lill-imputat jaghti daqqtejn bil-ponn fuq zaqq u koxtejn it-tfajla fil-presenza ta' ommha. Mistoqsi x'ghamlet it-tfajla meta gara hekk, huwa wiegeb li din intefghet mal-art u ommha bdiet tghajjat ghall-ghajjut waqt li l-imputat telaq jigri minn fejn kien.

**Helena Felice, il-vittma, xehdet** nhar it-tlieta ta' Settembru, 1999 u spjiegat kif rat lil-imputat niezel minn fuq tal-linja u jigri fferocjat lejha, johrog sikkina u jaqbad jaghtih. Staqsijha jekk kienetx ser thallieh jara lil bintu u hija wegbitu fin-negattiv u qabad jaghtiha bl-ikrah billi taha diversi daqqiet b'sikkina fuq zaqqha u koxxtejha u daqqiet ta' harta u jixkanha. Hija spjiegat kif giet moghtija l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri u li l-imputat ghandu access taht supervizjoni ta' Social Worker fic-Centru Hidma Socjali kull nhar ta' Tnejn bejn il-hamsa w s-sitta ta' filghaxija. Qalet ukoll li rat lill-imputat jixkana wkol lil ommha. Hija cahdet li <u>qatt</u> ma qalet lil imputat li bintu ma kienetx tieghu la dakinhar u lanqas f' xi granet antecedenti. Qalet ukoll li tant mhux minnu dan li ghalkemm l-imputat kellu access darba fil-gimgha ghat-tifla, hija kienet thallih jara lil bintu kwazi kuljum.

L-imputat irrilaxxja stqarrija l-ghada tal-incident u cioe` fit-tnax ta' Awissu, 1999 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol 38 immarkata bhala dokument DS 1.

L-imputat qal li Helena Felice dakinhar tal-incident fuq it-telefon kienet qaltlu li bintu ma hiex tieghu w ikkonferma li kien cempillu l-Pulizija mid-distrett ta' Haz-Zabbar biex jammonih biex ma jimmolestax li Helena Felice. Huwa spjiega li kien minnu ukoll dak li qalet Helena li hemm digriet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u li hu ghandu access darba fil-gimgha biex jara lil bintu fil-presenza ta' Social Worker. Qal wkoll li wara li rcieva telefonata

minghand Helena, fejn qaltlu li t-tifla ma kienetx tieghu, qabad sikkina mill-kcina, gezwirha f'maktur u mar hdejha f' M'Scala b' tal-linja. Meta ra lil Helena flimkien ma ommha u bintha sejra lejn il-bahar, mar fuqha u beda jaghtiha diversi daqqiet b'din l-istess sikkina u meta ra hekk bezgha u ta ruhu b'idejh lil Pulizija. Ammetta wkoll li gieli hedded lil Helena u lil ommha u li kien ha s-sikkina mieghu ghax kien irrabbjat. Mistoqsi jekk nizielx M'Scala proprju biex jsawwat lil Helena huwa wiegeb li waqt li kien ghadu d-dar, kien irrabbjat u ghalhekk garr s-sikkina izda sakemm lahaq wasal M'Scala kien ikkalma u taha d-daqqiet biha meta allegatament hija regghet irrepetiet il-kliem li t-tifla ma kienetx tieghu. F'dak il-hin jghid li "intilef". Huwa jtemm l-istqarrja tieghu billi jghid li jiddispjacih ta' dak li kien ghamel.

**Nhar is-sittax ta' Settembru, 2003 l-imputat ghazel li jixhed il-Qorti b'mod volontarju** u qal li huwa ma kellux ghalfejn jaghmel dak li ghamel u li kien ghadu jhobbha. Hua ghal darb'ohra ammetta li ta daqqiet b'sikkina lil Helena Felice u li kien imbotta lil ommha.

Illi mis-sottomissjonijiet li saru jirrizulta li mhux kontestat li l-imputat aggredixxa lil Helena Felice b'sikkina w ikkagunalha feriti ta' natura hafifa filwat li kkawza ferita ukoll ta' natura hafifa lil ommha Josephine, izda d-Difiza ssostni li l-imputat ghandu jigi skuzat li ghamel dan peress li kien f'sitwazzjoni ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh gejja minn provokazzjoni taht l-artikolu 227 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma giet emendata bl-Att Numru 111 tas-sena 2002).

F'dan l-kuntenst, l-Avukat Difensur spjiega li l-artikolu 227 (c) qabel ma gie emendat fis-sena 2002, kien jippostula zewg sitwazzjonijiet: l-ewwel sitwazzjoni hija dik ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantanja kagjonata minn xi haga interna u minghajr necessarjament sitwazzjoni ta' provokazzjoni gewwa mill-estern ossia minn xi hadd iehor filwaqt li t-tieni sitwazzjoni li ghaliha kien japplika l-proviso tal-artikolu 227 (c) hija dik meta l-agitazzjoni tal-mohh jew il-passjoni istantanja tkun kagun tal-provokazzjoni ta' haddiehor.

L-imputat qed jikkontendi li l-Qorti ghandha tapplika is-subinciz (c) tal-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, qabel ma giet emendata bl-Att III tal-2002 u cioe li dak li gara, sehh filwaqt li huwa kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha huwa ma kienx jista jqis l-ghemil tieghu.

Il-Qorti ghalhekk rat l-artikolu 230 (b) tal-Kap 9 u rat ghalhekk li l-iskuzanti msemmija fl-artikolu 227 (c) fil-kazijiet ta' omicidju volontarju japplika wkoll ghall-kazijiet ta' offizi fuq il-persuna, kawzati b'mod volontarju.

L-artikolu 227 (c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230 (b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi volontarji fuq il-persuna) huma volontarji u skuzabbli.

*"Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agistazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwat tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha".*

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li:

*"Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkunu sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt".*

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni istantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difesa fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:

*"The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification".*

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni istantanja u omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper*. U appuntu ghalhekk illi gie introdott l-artikolu 227 (c); sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata inkapaci li tifforma l-hsieb jekk jesistu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat ta' intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament normali u ordinarju ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din it-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjiegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-self control ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju. Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali hija kwistjoni ta' fatt li hija difficli tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa indirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-test li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-artikolu 227 (c) il-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni irid ikun hemm bhal ma jistqarr l-artikolu

227 (a) cioe ferita gravi. Ghaldaqstant minhabba dan in-nuqqas jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni. Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe` mill-artikolu 229:

*"Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew ecitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirrifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti".*

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht it-titolu **Crimes from sudden passion** -pg. 121 jghid:

"That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime".

Fir-raba lok, il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe` li ma jiswewx lil hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju sine qua non li l-qtil jew l-offizi saru immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-**Textbook of Criminal Law** - pg, 479 jghid:

*"Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term "revenge" I sued for*

*retaliatory act on that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment".*

Id-definizzjoni klassika tal-kelma "provokazzjoni" giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza **R v Duffy** (1945) fejn qal:

*"Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind".*

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk dak li ghamel l-imputat u cioe` li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Helena Felice u ommha Josephine, hux skuzabbli taht din il-linja difensjonali ai termini tal-artikolu 227 (c) imressqa mill-Avukat Difensur.

Issa jekk wiehed jezamina l-istqarrija tal-imputat esebita a fol 38 tal-atti processwali, mmarkata bhala dokument DS 1, jirrizulta li l-imputat ilu bi problemi ma Helena Felice ghal zmien twil u dan minhabba problema familjari dwar it-tifla li ghandhom in komuni tant li sahansitra kien hemm anke l-intervent tal-Qorti u tas-Social Worker.

Illi pero minn ezami tal-istess irrizulta li dakinhar meta l-imputat mar jkellem lil Helena Felice u telaq minn Haz Zabbar ghal M'Sacla b'tal-linja, kien ghadda zmien konsiderevoli u fil-fatt kif jghid hu stess li "sakemm mort hemm (hdejhom) lahaq ghaddieli pero kif smjat dak id-diskors "ara, tara xejn, dik ma hiex tieghek" (vide fol 39) rega' bdieli". Ma hemmx dubju li meta l-akkuzat telaq mid-dar kien rrabbjat tant li sab sikkina u gezwirha f'maktur pero ma jirrizultax li kien mitluf minn sensih tant li meta tkellem ma ommu u staqsietu fejn kien sejjer huwa wegibha li kien hiereg. Fl-ebda hin ma taha x'indikazzjoni li kien feroci jew mitluf minn sensih b'dak li allegatament qaltlu Helena Felice.

Il-Qorti tghid "allegatament" ghaliex Helena Felcie tichad li qaltlu dan l-kliem tul il-process kollu u l-Qorti ghandha r-riservi taghha jekk f'dawn ic-cirkostanzi verament qalithomlux huwa jkompli jghid li meta wasal M'Scala mar fuqhom "b'mod normali" u b'hekk zgur ma kienx mitluf minn sensih. Huwa jghid li ntilef meta semgha lil Helena Felice tghid li ma jarax lil bintu u kien f'dak il-hin li hareg is-sikkina u beda jaghti biha.

Illi l-Qorti ma thossx li anke jekk in pessima ipotesi, verament qalet dak il-kliem waqt li kienet fil-kumpanija ta' bintha w ommha zgur ma jirrizultax li kienu cirkostanzi tali li jwasslu lill-imputat li jagixxi minhabba xi provokazzjoni li sehhet da parti ta' Helena Felice. Huwa ben saput fil-ligi taghna li kliem huma kemm huma koroh jew provokattivi, ma humiex kkunsidrati bhala provokazzjoni sufficjenti ghal iskuzant ta' dan ir-reat ta' offizi volontarji.

Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kien qala xi offizi dakinhar qabel ma mar jkellem lil Helena Felice. Illi hawnhekk verament ma jistghax jinghad li kien hawn xi agitazzjoni tassew istantanja w agitazzjoni tal-mohh kif jitlob l-artikolu 227 (c) tal-Kap 9.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Cachia** deciza mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-sbatax ta' Frar, 1999 fejn il-Qorti cahdet din il-linja difensjonali ghaliex hasbet li ma kien hemm xejn fl-istqarrija tal-akkuzat li imqar minimament tindika li wat li kien qed jaghti lil terzi, kien mitluf b'tali mod li ma kienx kapaci jirrealizza l-konsegwenzi ta' ghemilu u proprju dan huwa l-kaz in ezami ghaliex ma hemm xejn li jindika l-agitazzjoni tal-mohh tal-imputat, u ghaldaqstant din il-linja difensjonali qed tigi michuda.

Illi ghalhekk il-Qorti qed tichad tali linja difensjonali.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi parikolarment l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 339 (b), 17 (b), 49, 50, 20, 31, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap 65**

**tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputat JAMES DEMANUELE hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Helena Felice skond ma ccertifika Doctor Dennis Vella Baldacchino a fol 159 tal-atti u ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Felice skond ma ccertifka doctor M. Grech a fol 41 tal-atti processwali, u talli ghamel dan id-delitt waqt li garr strument bil-ponta u li jaqta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (vide xhieda ta' WPC 39 a fol 145 tal-atti).**

**Dwar l-akkuza ta' recidiva din tirrizulta wkoll ghaliex fl-atti gew ippresentati diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat liema sentenzi gew ukoll kkonfermati mill-Ufficjali Prosekuturi fosthom l-Ispettur illum Supretendent Nicholas Ciappara, u l-Ispettur illum Supretendent Alexandra Mamo (vide fol 118 et seq tal-atti).**

**Tiddikjara wkoll li ma ssibx lil imputat JAMES DEMANUELE hati tal-akkuza ta' ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Helena Felice u tilliberah minnha.**

**Dwar il-piena:**

**Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti minn fejn jirrizulta li fuqha hemm registrata hdax il-konvizzjoni bejn il-perjodu ta' Awissu, 1993 u Gunju 1999 u cioe f'perjodu ta' sitt snin meta nstab hati ta' reati fost ohrajn diversi ta' serqiet, hebb w ingurja fil-konfront ta' terzi, hsara volontarja, resistenza u attakk fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, ingurja u theddid lill-Ufficjali tal-Pulizija u terzi persuni u misapproprjazzjoni, meta gie moghti probation orders, sentenzi sospizi u multi.**

**Illi dan nonostante, l-imputat reggha kiser dufrejh mal-ligi u ma tghallimx mill-esperjenzi li huwa kellu l-Qorti u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.**

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu salv ghal dik ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Helena Felice mill-liema akkuza qed tilliberah izda ssibu hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Helena Felice u ommha Josephine liema reat huwa kompriz u involut fir-reat ta' ferita gravi u tikkundannah ghal piena karcerarja komplessiva ta' erbatax il-xahar.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati fil-proceduri, il-Qorti rat l-esperti li gew nominati kienu fl-inkjesta u mhux fil-kumpilazzjoni u ghalhekk tichad tali talba.**

**Il-Qorti spjiegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat.**

**Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-sikkina esebita fl-atti ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------